**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0372/2017**

24.11.2017

# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza fl-2017
(COM(2017)0900 – C8 0408/2017 – 2017/2265(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Jens Geier

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .............................. 3

ANNESS: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ....................... 5

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................. 7

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ......... 8

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza fl-2017 (COM(2017)0900 – C8-0408/2017 – 2017/2265(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0900 – C8-0408/2017),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[2], u b'mod partikolari l-punt 14 tiegħu,

– wara li kkunsidra t-test konġunt approvat fit-18 ta' Novembru 2017 mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A8-0359/2017), fil-kuntest tal-konċiljazzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali għall-2018,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2017/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2017[3],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0372/2017),

A. billi l-Parlament Ewropew u l-Kunsill immobilizzaw il-Marġini ta' Kontinġenza fl-2017 għall-ammont ta' EUR 1 906,1 miljun lil hinn mil-limiti massimi tal-Intestatura 3 (*Sigurtà u Ċittadinanza*) u tal-intestatura 4 (*Ewropa Globali*);

B. billi, fi ħdan dan l-ammont, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jikkumpensaw EUR 575,0 miljun kontra l-marġini mhux allokat skont l-Intestatura 2 (*Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali*) fl-2017, kif ukoll EUR 507,3 miljun, EUR 570,0 miljun u EUR 253,9 miljun, kontra l-marġini mhux allokati skont l-Intestatura 5 (*Amministrazzjoni*) fl-2017, 2018 u 2019 rispettivament;

C. billi l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni li ltaqa' għall-adozzjoni tal-baġit għall-2018 sussegwentement qabel li jaġġusta t-tpaċija tal-Marġini ta' Kontinġenza msemmija hawn fuq sabiex l-ammont ikkumpensat skont l-Intestatura 5 fl-2018 jitnaqqas b'EUR 252,0 miljun u introduċa kumpens korrispondenti fl-Intestatura 5 fl-2020;

1. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni, bħala parti mill-ftehim dwar il-baġit għall-2018, dwar ir-reviżjoni tat-tpaċija tal-marġini ta' kontinġenza mobilizzat fl-2017, sabiex

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
[2] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
[3] ĠU L 50, 28.2.2017, p. 57-58.

jiżdied il-marġini globali għall-impenji disponibbli għall-2018; jiddispjaċih dwar l-enfasi eċċessiva ta' xi Stati Membri fuq il-marġini disponibbli taħt il-limiti tal-QFP, li ta' spiss twassal biex jiġu injorati l-flessibilitajiet offruti mill-istrumenti speċjali;

2. Jissottolinja, li anke mingħajr tpaċija riveduta, il-marġini globali għall-impenji fil-baġit maqbul għall-2018 diġà jammonta għal EUR 1 348,3 miljun, filwaqt li aktar minn EUR 900 miljun għadhom disponibbli skont l-Istrument ta' Flessibbiltà u l-Marġini Globali għall-Impenji (GMC); jindika li EUR 1,2 biljun oħra għandhom isiru disponibbli skont il-GMC u l-Istrument ta' Flessibilità matul l-2018;

3. Jieħu nota li tali reviżjoni ta' tpaċija, filwaqt li mhijiex essenzjali, tirrilaxxa EUR 252 miljun tal-marġini addizzjonali fl-2018 minflok fl-2020, sabiex b'hekk tiġi pprovduta flessibbiltà addizzjonali fi stadju aktar bikri skont dan il-QFP;

4. Jiddispjaċih li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrikorru għall-qsim tat-tpaċija skont l-Intestatura 5 bejn l-2018 u l-2020 sabiex il-baġit tal-UE jingħata l-flessibbiltà meħtieġa fl-2018; jesprimi tħassib dwar it-tnaqqis konsegwenti fil-marġini tal-Intestatura 5 li se ġġib magħha din il-manuvra fl-2020; jindika li l-adozzjoni ta' tali approċċ lil hinn mill-limiti hi sinjal ċar li l-baġit tal-UE mhuwiex jiġi fornut bir-riżorsi indispensabbli biex iwettaq il-politiki u l-programmi tal-Unjoni;

5. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## ANNESS: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza fl-2017**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[1], u b'mod partikolari l-punt 14, it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill 1311/2013 li jistipula l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[2] stabbilixxa Marġini ta' Kontinġenza sal-livell ta' 0,03 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Unjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont assolut tal-Marġini ta' Kontinġenża għall-2017[3].

(3) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill immobilizzaw il-Marġini ta' Kontinġenza fl-2017 li jippermetti l-finanzjament 'il fuq mil-livelli limiti ta' impenn ta' EUR 1 906 150 960, li minnhom EUR 1 1176 030 960 għall-Intestatura 3 *(Sigurtà u ċittadinanza)*.

(4) Il-baġit għall-2018 jirrikjedi żieda fil-flessibbiltà u għalhekk it-tpaċija tal-Marġini ta' Kontinġenza immobilizzat fl-2017 hu aġġustat biex inaqqas l-ammont ta' tpaċija fl-Intestatura 5 fl-2018 u jintroduċi kumpens korrispondenti fl-Intestatura 5 fl-2020;

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2017 hu emendat kif ġej:

---

1 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

2 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

3 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-30 ta' Ġunju 2016 dwar aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena 2017 f'konformità mal-varjazzjonijiet tal-ING (COM(2016)0311).

(a) fis-sentenza introduttorja "2019" hi mibdula b'"2020";

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) 2018: Intestatura 5 (Amministrazzjoni): EUR 318 000 000;";

(c) għandu jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) 2020: Intestatura 5 (Amministrazzjoni): EUR 252 000 000.".

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 22.11.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 3<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nedzhmi Ali, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, José Manuel Fernandes, Jens Geier, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Urmas Paet, Răzvan Popa, Paul Rübig, Jordi Solé, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean-Paul Denanot, Andrey Novakov |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jonathan Bullock, Javi López, Patricija Šulin |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 30 | + |
|---|---|
| ALDE | Nedzhmi Ali, Gérard Deprez, Urmas Paet |
| ECR | Richard Ashworth, Zbigniew Kuźmiuk, Bernd Kölmel |
| PPE | Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Inese Vaidere, Patricija Šulin |
| S&D | Jean-Paul Denanot, Jens Geier, Iris Hoffmann, John Howarth, Javi López, Vladimír Maňka, Răzvan Popa, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Manuel dos Santos |
| VERTS/ALE | Jordi Solé, Indrek Tarand |

| 3 | - |
|---|---|
| EFDD | Jonathan Bullock |
| ENF | Marco Zanni |
| NI | Eleftherios Synadinos |

| 1 | 0 |
|---|---|
| GUE/NGL | Liadh Ní Riada |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni